**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 9/2018 NL**

**Emmanuel Vella (859153M)**

**Vs**

**Laura Camilleri (267384M)**

Illum it-8 ta' Frar 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tar-rikorrent fejn talab li din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tikkundanna lill-intimata thallsu l-ammont ta' disat elef euro (€9,000) rapprezentanti bilanc rimanenti mill-ammont pattwit ta' €20,000 dovut minnu bhala konsiderazzjoni tal-kontenut u hwejjeg ancillari tal-hanut "The One", gja' Xufi Mini Market, favur l-intimata, liema ammont kellu jithallas f'rati mensili u jithallas kollu sal-31 ta' Dicembru 2017, liema bilanc baqa' ma thallasx nonstante li l-intimata giet debitament interpellata. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-

ittra bonarja tat-8 ta' Jannar 2018, u tal-mandati kawtelatorji relatati, u bl-imghax kummercjali bir-rata ta' 10% mill-31 ta' Dicembru 2017 kontra l-intimata, minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata Laura Camilleri li eccepiet li t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li s-somma reklamata jew kwalunkwe somma ohra verjuri mhijiex dovuta lill-attur mill-intimata, kif qed jigi reklamat; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda kollha u rat id-dokumenti prezentati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-udjenza tad-19 ta' Settembru 2018, l-attur iddikjara li m'ghandhux aktar provi xi jressaq, u sussegwentement intimata ghalqet il-provi taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

[1] Folio 66 ta' l-atti processwali

**Provi**

Xehed **PC 167 Joshua Attard** li semma li fit-2 ta' Dicembru 2016 Laura Camilleri kienet semmietlu li certu Emmanuel, li jigi zijuha, ghamel xi hsara fil-hanut u li l-istess Camilleri kienet semmietlu li hija kellha ttih xi €20,000 u qaltlu wkoll li ma kien hemm xejn bil-miktub. Ix-xhud **WPC 24 Melissa Cardona** essenzjalment tixhed l-istess fatti kif indikati mill-kollega taghha PC 167.

Fl-affidavit tieghu, l-attur **Emmanuel Vella** jispjega li huwa kien ftiehem man-neputija tieghu l-intimata li jghaddilha l-hanut tal-Mosta u jitlobha biss €20,000 tal-fridges, cold room, xkafef u apparat iehor fil-hanut. Huwa jghid li hu kien accetta u ftehmu li thallashom f'3 snin, €6,000 fl-ewwel sena, €7,000 fit-tieni, u €6,000 fit-tielet u l-ahhar sena, li qablu li kienet taghlaq fil-31 ta' Dicembru 2017. Huwa jghid li martu Gemma, u missier l-intimata Raymond Formosa, huma xiehda ta' dana l-ftehim. Hu jghid li lill-intimata kien bieghilha wkoll l-istock li kien hemm bil-prezz ta' €3,000 u li kienet hallsithom fl-ewwel xhur li fethet il-hanut.

**Gemma Vella** wkoll xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hi kienet xhud tal-ftehim ta' bejn zewgha u l-intimata Laura Camilleri.

Xehdet ukoll **Laura Camilleri** li tpingi storja kompletament differenti. Skond l-intimata, l-attur kien inkwilin ta' fond u nfurmaha li kien ser jitlaq il-post. Hija tghid li kien issuggerilha tkellem lis-sid, u peress li ma kinitx taf min hu, kienet qaltlu biex ikellimulha. Hekk kien gara u kienet ftehmet mas-sid bil-kera ta' €15 kuljum. Dan kien f'Marzu 2014. Madwar sitt xhur wara, l-attur zijuha, li kien intrabat li johrog sal-ahhar ta' dik is-sena, qalilha li jekk ma kinitx ser thallsu €12,000 ma kienx ser johrog. Din kienet problema ghall-intimata peress li kienet gja' tat in-*notice* tal-hanut l-iehor li hija kellha. Kienu ltaqghu l-hanut li kellha l-

intimata u dakinhar kienu biss hi, zewgha Matthew, l-attur Vella, u missier l-intimata Raymond Formosa. Hija tichad li Gemma Vella kienet hemm. Hija tichad ukoll li ftehemet mieghu dwar bejgh ta' stock, izda li kien hu li hallieh fil-hanut. Tghid ukoll li mill-oggetti kollha li huwa jghid li halla fil-hanut ghal dak l-ammont, il-*cold room* biss kienet funzjonanti, ohrajn kienu ghar-rimi, u ohrajn kienu ta' terzi li ngabru minnhom bl-awtorizzazzjoni tal-attur stess.

L-intimata ezebiet ukoll affidavit ta' **Attilio Briffa** direttur ta' **CRC Malta Limited** li spjega li f'Settembru 2015, huwa fornixxa mutur tal-*coldroom* lill-intimata u zewgha peress li taghhom ma kienx qed jahdem.

Xehed ukoll rapprezentant ta' **Alf. Mizzi & Sons** li kkonferma li kien hemm 4 freezers f'isem Emmanuel Vella li gew ritornati lura lill-kumpannija f'Dicembru 2014.

Xehed ukoll **Tarcisio Mizzi** ghan-nom ta' Ennegi Trading fejn spjega wkoll li l-intimata kienet xtrat xi xkaffar minghandhom u li sahansitra mar jghinhom jarmawhom izda jispjega li l-*invoice* hija tal-2009.

Xehdet ukoll **Gemma Vella** in kontroezami fejn ikkonfermat li dakinhar li ftehmu l-prezz hija ma kinitx prezenti, izda dak li taf, qalulha zewgha l-attur.

Xehed ukoll **Dennis Scicluna** li omm il-konvenuta tigi kugina ta' missieru. Huwa spjega li jaghmel xoghol ta' bini, twaqqigh u tbattil u jgorru wkoll affarijiet ghal hlas. Huwa jghid li mill-hanut tal-intimata nehha xi xkafef li kienu ghar-rimi u li ma hax flus ta' xogholu peress li ha l-hadid ghall-iscrap. Huwa jghid li dan l-inkarigu hadu mill-attur Emmanuel Vella.

**Matthew Camilleri**, ir-ragel tal-intimata, xehed ukoll minn jeddu fejn essenzjalment spjega l-verzjoni moghtija minn martu u kkonferma li hu jaf li kien ghad fadlilhom ituh €1,000, izda li pero', hafna mill-oggetti li kienu nieqsa. Huwa jghid li mas-sid ma tkellmux dwar x'hemm gewwa l-hanut, izda ftehmu dwar affarijiet ohra, fosthom ix-*shutter* il-gdid, polishing tal-madum, u ohrajn – izda qatt dwar l-oggetti, mobbli jew *equipment* ta' gewwa l-hanut.

**Ikkunsidrat**

Fil-qosor, din il-kawza tittratta dwar ammont bilancjali dovut lill-attur mill-intimata allegatament rapprezentanti prezz ta' oggetti, u *equipment* li l-attur halla fil-hanut li kriet l-intimata.

Il-kontendenti ma jaqblux fuq xi dettalji, izda l-aktar, fuq l-ammont innifsu – fejn l-attur jghid li huma kienu ftehmu dwar €20,000, filwaqt li l-intimata tghid li kienu ftehmu dwar €12,000. Huma pero', it-tnejn jaqblu li thallsu b'kollox €11,000.

Il-Qorti tinnota li l-attur jghid li t-termini tal-ftehim taghhom kien li l-ammont jithallas f'3 snin, sa Dicembru 2017, €6,000 fl-ewwel sena, €7,000 fit-tieni sena, u €6,000 ohra fit-tielet sena u li dawn kellhom jithallsu b'rati mensili.

Il-Qorti minn issa tinnota li, li kieku kien hekk, ir-rati kienu jkunu €500 fix-xahar ghall-ewwel u ghat-tielet sena, u €583.33 ghat-tieni sena. Minflok, izda, il-kontendenti jaqblu li l-hlasijiet kienu qed isiru bir-rata ta' €1,000 fix-xahar, izda li mbaghad waqghu ghal €500 fix-xahar. L-attur jezebixxi nota (a fol. 27 tal-process) li fiha pero' jindika li saru disa' pagamenti ta' €1,000 –il wiehed bejn Lulju 2015 u April 2016 u erba' pagamenti ta' €500-il wiehed bejn Gunju 2016 u Settembru 2016.

Dan jikkontrasta mal-verzjoni moghtija mill-attur stess fl-affidavit tieghu, li jghid li hu kien accetta l-€500 fix-xahar sa minn Frar 2016 u li kienet hallsitu 6 skadenzi bl-ammont ta' €500. Jikkontrasta wkoll mal-verzjoni moghtija mill-intimata, li tghid li kienet l-ewwel darba li offrietlu €500 li nqala l-inkwiet u ma sarux aktar pagamenti. Fl-affidavit taghha, fil-fatt tghid li kien dakinhar li ssuggerietlu b'dan, u cioe' f'Dicembru 2016, li l-attur kien wettaq l-atti kriminali li taghhom instab hati b'sentenza tal-25 ta' Settembru 2018.

Il-Qorti tinnota wkoll li n-nota a fol. 27 ma gietx guramentata u ghalhekk, qajla tista' tikkostitwixxi prova valida ghal dawk li huma l-ammonti mhallsa u d-dati tant precizi moghtija fiha.

Din il-Qorti ma tistax tinjora wkoll il-fatt li dwar it-tliet elef Euro "*over and above*" li l-attur isemmi li l-intimata hallsitu ghall-istock, ma ngieb xejn biex juri dan. Bhal donnu, ghalhekk, dan l-ammont mhuwiex kontestat u ghalhekk, jekk xejn, l-attur ircieva €14,000 s'issa, u mhux €11,000. Fix-xhieda tieghu, Matthew Camilleri, zewg l-intimata dwar dan jghid li l-attur kien qed jirrikattahom ghat-€3,000. Bhal donnu anke l-istess xhud Matthew Camilleri jaghti x'jinftiehem li dawn it-tliet elef euro kienu thallsu minghandhom.

Jibqa' ghalhekk, f'hogor din il-Qorti, tiddeciedi min mill-kontendenti ghandu ragun dwar dan kollu.

Fir-rigward tal-punti sollevati mill-attur fit-trattazzjoni tad-difensur tieghu, din il-Qorti ma tqisx li l-fatt li l-intimata marret tikkoregi l-verzjoni moghtija minnha lill-pulizija bhala xi prova konklussiva tal-ftehim ta' bejnha u bejn l-attur. Dan seta' facilment kien, kif ben jirrimarka l-avukat difensur taghha,

nuqqas ta' ftehim jew *misunderstanding* bejnha u bejn l-ufficjali tal-pulizija, li ntebhet bih appena gie f'idejha r-rapport stampat.

Lanqas ma tqis ta' xi importanza kbira l-fatt li Gemma Vella kienet qalet, fl-affidavit taghha, li hija kienet prezenti ghall-ftehim u mbaghad ikkoregietha fix-xhieda taghha in kontroezami, u wiegbet li ma kinitx. Fil-verita', lanqas fl-affidavit taghha ma tghid xejn ta' sustanza dwar dan il-ftehim – tghid biss li dan kien ghas-somma ta' €20,000. Evidentement, din is-somma tinghad biss minn Emmanuel Vella, u hadd iktar. Mill-banda l-ohra, is-somma ta' €12,000 tissemma minn diversi persuni, ghalkemm kollha mparentati mal-intimata.

Naturalment, huwa principju accettat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tiegħu biex din tiġi milqugħa. Dan mhux biss skond id-dispost tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi (**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella,** Appell Inf., 2 ta' Mejju 1995). Fl-ahhar sentenza hawn citata, il-Qorti tghallem li "*l-attur f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti tagħmel ix-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova*." Huwa principju rassodat li l-mera possibilita' mhijiex sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita' civili (**Frank Giordmania Medici et noe vs William Rizzo et**, (PA (NC), 28 ta' April 2004).

Attur f'kawza ma ghandux jistenna li l-Qorti temmnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**) u li din il-prova tkun wahda konkreta ta' dak li qed jallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013).

Detto questo, dan ma jfissirx li l-provi migjuba mill-attur ghandhom jigu skartati, altru milli hekk.

Il-Qrati taghna jghallmu li *"[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, **ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant**"* (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li *"[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."*

Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". (*Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u

mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista ta' dawn l-insenjamenti, din il-Qorti tqis li, l-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi mhumiex b'sahhithom bizzejjed biex wahda teghleb lill-ohra.

Dan pero' ma jfissirx li l-ebda parti mit-talba tal-attur ma ghandha tintlaqa'. L-intimata tikkonferma hi stess li jekk xejn, kien ghad fadal biss €1,000 x'jithallsu. Hi taqbel li dawn ma thallsux u li ghalhekk kienu dovuti. Tghid izda, li l-hlas kien marbut mal-oggetti li Vella kellu jhallilhom fil-hanut u bhal donnha ggib diversi xhieda sabiex tiggustifika l-fatt li lanqas dawk l-€1,000 ma huma dovuti.

Din il-parti tad-difiza tal-intimata ma treggix, specjalment peress li kieku huwa minnu li l-intimata riedet twaqqaf il-hlasijiet minhabba n-nuqqas ta' oggetti mweghda lilha, jew id-difetti li sabet fihom, dan kienet taghmlu mill-ewwel, u mhux wara li tkun ghamlet dak li hija tghid li kien kwazi l-hlas shih.

F'kull kaz ukoll, il-Qorti tinnota li l-intimata ma ressqet ebda eccezzjoni ta' tpacija, u/jew kontrotalba f'dan is-sens.

Fir-rigward tat-talba tal-attur ghal imghaxijiet kummercjali mill-31 ta' Dicembru 2017 sal-hlas effettiv, din it-talba qed tigi respinta ghall-istess ragunijiet li din il-Qorti gja' esprimiet, fis-sens li l-attur ma rnexxilux jipprova la l-ammont bilancjali mitlub minnu, u lanqas it-termini tal-ftehim mertu ta' din

il-kawza. F'kull kaz, m'hemmx dubbju li l-€1,000 dovuti mill-intimata kienu maghrufa lilha sa mill-bidu nett, u ghalhekk, in vista li l-ewwel interpellanza gudizzjarja kienet tikkonsisti fl-avviz promotur mertu ta' din il-kawza, din il-Qorti tqis li l-imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) ghandhom jiddekorru mid-data li fiha l-intimata giet notifikata bl-avviz promotur sad-data tal-hlas effettiv. Madankollu, fl-atti ma tirrizultax in-notifika posittiva tal-intimata ghall-avviz promotur, izda biss ir-risposta taghha tal-15 ta' Frar 2018 u ghalhekk, din il-Qorti tqis li huwa gust li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dakinhar.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elf Euro (€1,000), bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-15 ta' Frar 2018 sad-data tal-hlas effettiv. Tichad il-bqija tat-talba tal-attur u tal-eccezzjonijiet tal- intimata safejn inkompatibbli ma' dak hawn deciz.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal zewg-terzi (2/3) mill-attur, u terz wiehed (1/3) mill-intimata.

**Moghtija illum nhar it-8 ta' Frar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**